



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14553/18

DEVGEN 220
SUSTDEV 16
ACP 121
RELEX 991

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	26 ta' Novembru 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14092/18	
Suġġett:	Qafas Rivedut tar-Riżultati tal-UE fl-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali - Konklużjonijiet tal-Kunsill (26 ta' Novembru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qafas rivedut tar-Riżultati tal-UE fl-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali, kif adottati mill-Kunsill fit-3654 laqgħa li saret fis-26 ta' Novembru 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qafas rivedut tar-Riżultati tal-UE fl-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali

1. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tal-2015¹ dwar id-Dokument ta' Hídma tal-Persunal tal-Kummissjoni "It-Tnedija tal-Qafas tar-Riżultati tal-UE fl-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali", għodda biex tissaħħaħ ir-responsabbiltà, it-trasparenza u l-viżibbiltà tal-iżvilupp u l-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE.
2. Il-Kunsill jilqa d-Dokument ta' Hídma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Qafas Rivedut tar-Riżultati tal-UE fl-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali", li jallinja l-Qafas tar-Riżultati tal-UE mal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid, kif ukoll mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar fl-impenn tal-UE u tal-Istati Membri biex jadattaw progressivament is-sistemi ta' rappurtar tagħhom fil-qasam tal-kooperazzjoni u l-iżvilupp internazzjonali biex ikunu konsistenti mal-Aġenda 2030, u b'hekk jiffaċilitaw it-tagħlim bejn il-pari u aktar progress lejn approċċ komuni biex jitkejlu r-riżultati tal-UE u l-Istati Membri tagħha. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tippromwovi approċċ ibbażat fuq ir-riżultati fil-ġestjoni ta' interventi ffinanzjati mill-UE, li teħtieġ ukoll bidla kulturali u tal-imġiba.
3. Il-Kunsill jenfasizza li l-Qafas tar-Riżultati tal-UE għandu jservi bħala għodda ta' komunikazzjoni għar-rappurtar tar-riżultati, kif ukoll bħala mezz biex jittejbu l-prattiki fl-implimentazzjoni tal-politika tal-iżvilupp tal-UE, biex b'hekk tittejjeb l-effettività tal-iżvilupp u l-viżibilità tal-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE. Barra minn hekk, il-Qafas rivedut tar-Riżultati tal-UE għandu jintuża biex tittejjeb it-trasparenza u r-responsabbiltà reċiproka mal-pajjiżi sħab, u b'hekk tikkontribwixxi għas-sjieda tal-pajjiż u l-promozzjoni ta' sħubijiet inklussivi tal-iżvilupp.

¹ Dok. 9145/15.

4. Il-Kunsill jilqa' l-istruttura aġġornata ta' tliet livelli proposta mill-Kummissjoni, li issa hija organizzata madwar l-SDGs, biex jitkejjel il-progress fl-iżvilupp f'pajjiżi sħab tal-UE (Livell 1), il-kontribuzzjonijiet tal-UE għall-progress fl-iżvilupp f'pajjiżi sħab tal-UE (Livell 2) u l-integrazzjoni ta' prioritajiet politiċi (Livell 3).
5. Il-Kunsill jilqa' l-inkorporazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tar-risultati biex jiġu artikolati l-oġġettivi ta' kooperazzjoni u żvilupp internazzjonali tal-UE u jirrikonoxxi l-isforzi magħmula biex jallinjaw l-indikaturi tal-Qafas tar-Risultati tal-UE mal-indikaturi SDG maqbula fin-NU. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Qafas rivedut tar-Risultati tal-UE jikkumplimenta oqfsa eżistenti ta' monitoraġġ u rappurtar fil-livell tal-pajjiż.
6. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-kisbiet li saru s'issa, kemm f'termini ta' kontabilità mtejbja u ta' taġħlim potenzjali mill-erba' rawnds ta' risultati tar-rappurtar li tlestew s'issa. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi biex jiġu massimizzati l-valur u l-użu tad-data tar-risultati eżistenti, pereżempju billi jintużaw għal evalwazzjonijiet strateġiċi, kif enfasizzat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2015, u għar-rappurtar lill-Forum Politiku ta' Livell Għoli.
7. F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sessi 2016-2020, il-Kunsill jenfasizza l-importanza tas-sessi fil-Qafas tar-Risultati tal-UE u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tirrapporta risultati mqassma skont is-sess, u biex iżżid l-isforzi rigward it-tqassim skont gruppi rilevanti oħra bħall-età, id-diżabilità jew fatturi oħra ta' vulnerabbiltà, kif ukoll biex tevalwa l-inklużjoni possibbli ta' indikaturi aktar sensittivi għas-sessi matul interventi ffinanzjati mill-UE. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex issaħħaħ l-enfasi fuq l-SDG5, minħabba n-natura trasversali tagħha, fi ħdan il-Qafas rivedut tar-Risultati tal-UE.
8. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinkludi risultati minn programmi li għaddejjin flimkien ma' dawk minn programmi kompluti fir-rappurtar tar-risultati tal-UE li jmiss. Dan ser isaħħaħ ir-rappurtar u jkun pass importanti biex jinforma t-teħid tad-deċiżjonijiet u jtejjeb it-tagħlim.

9. Il-Kunsill jenfasizza li l-SDGs jipprovdu opportunità unika għal koordinazzjoni mtejba u rappurtar ta' riżultati armonizzati, inkluż l-użu ta' oqfsa tar-riżultati fil-livell tal-pajjiż sieħeb. L-isforzi tal-pajjiżi sħab biex jintegraw l-SDGs fil-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali tagħhom, l-istrateġiji, il-baġits u l-oqfsa tar-riżultati għandhom jiġu mħeġġa u appoġġati. Dan ser isahha l-opportunitajiet għal kooperazzjoni effettiva u sħubijiet mal-UE, b'mod partikolari permezz ta' djalogi ta' politika bbażati fuq l-SDGs. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi tal-UE biex jappoġġaw it-tisħiħ tal-kapaċità statistika tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, ukoll bil-ħsieb li ssegwi b'mod effettiv il-progress lejn ir-realizzazzjoni tal-SDGs.
10. Il-Kunsill jilqa' l-Qafas rivedut tar-Riżultati tal-UE bħala għodda biex tiffaċilita segwitu u rappurtar konġunt mill-UE u l-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Kunsill iħeġġeġ lis-servizzi tal-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jippromwovu aktar l-użu ta' oqfsa ta' riżultati konġunti biex jiffaċilitaw programmazzjoni konġunta, implimentazzjoni konġunta u djalogi ta' politika bejn l-UE, l-Istati Membri u partijiet interessati f'pajjiżi sħab.
11. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jintuża l-Qafas rivedut tar-Riżultati tal-UE bħala l-bażi għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar interventi li għandhom jiġu ffinanzjati taħt l-QFP li jmiss (2021-2027), li jiżgura li data ta' kwalità għolja hija disponibbli biex turi l-kontribut tal-azzjoni esterna tal-UE għall-implimentazzjoni tal-SDGs.
12. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tinkludi analiżi kwalitattiva tar-riżultati fir-rappurtar tar-riżultati futuri tal-UE. B'kont meħud tal-lezzjonijiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-Qafas rivedut tar-Riżultati tal-UE, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex taġġornah f'intervalli regolari, fejn meħtieġ, inkluż l-indikaturi tagħha, sabiex iżżomm ir-rilevanza, il-kwalità u r-robustezza tal-metodoloġija kif ukoll il-leġġibbiltà tal-Qafas tar-Riżultati tal-UE.

13. Il-Kunsill qed jistenna b'interess l-implimentazzjoni tal-Qafas rivedut tar-Riżultati tal-UE u f'dan il-kuntest il-pubblikazzjoni ta' rapporti annwali futuri tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament ta' azzjonijiet esterni. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura rappurtar f'waqtu, li jfisser li l-pubblikazzjoni tar-riżultati annwali għandha ssir sa mhux aktar tard minn sena wara l-ġbir tad-data tar-riżultati.
-